MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 13/2005/1

**Angelo u Josephine konjugi Buhagiar**

**vs**

**Carmelo Busuttil**

Il-Bord

Ra r-rikors promutur tar-rikorrenti konjugi Buhagiar li jghid hekk:

Illi b'sentenza fl-ismijiet *Angelo u Josephine konjugi Buhagiar vs Carmelo Busuttil* deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2004 (Citaz, Nru. 588/01NC), li qed tigi annessa u mmarkata Dok A, gie deciz illi l-atturi hawn rikorrenti f'din il-kawza huma l-proprjetarji ta' bicca art agrikola diviza fi Triq Sant'Antnin fil-Mosta denominata 'Ta' Dar il-Bajda' sive 'Il-Giardina tal-

Bahri', ta' daqs ta' cirka tomna, u gie deciz ukoll illi l-qbiela fuq din l-art iddevolviet fuq il-konvenut hawn intimat f'din il-kawza wara l-mewt ta' missieru. Il-qbiela fil-passat kienet tithallas (mhux mill-intimat) f'Santa Marija ta' kull sena. Din l-art hija mmarkata bl-ahmar fuq l-annessa site-plan li qed tigi mmarkata bhala Dokument B.

Illi l-esponentijehtiegu din l-art agrikola ghall-konstruzzjoni fuqha ta' binin billi issa hareg Full Development Permit dwar l-istess, li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument C. Din l-art mhix raba' saqwi.

Illi l-intimat gie offert il-kumpens dovut skond il-ligi skond ma jirrizulta mill-anness Dokument D u gie interpellat biex jizgombra minn din l-art izda rrifjuta li jaghmel dan.

1. Ghaldaqsant l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-art agrikola fuq deskritta fit-terminazzjoni tal-qbiela prezenti, jillikwida kull kumpens li jista jkun dovut lill-intimat, u jordna lill-istess intimat biex fi zmien perentorju li jiffissa dan il-Bord jizgombra minn din l-art agrikola u jhalliha libera a favur tal-esponenti.

Illi fir-risposta tieghu, l-intimat Carmelo Busuttil jghid hekk:

Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjes kontra taghhom stante li hija legalment insostenibbli u dana in vizta tal-fatt li r-raba in kwistjoni huwa wiehed saqwi.

B'riseva li jigu pprezentati risposti ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semgha l-provi;

Ra' l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidra:

Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-artikolu 4 (2) (b) tal-Kap 199 ghaliex ir-rikorrenti jehtiegu ir-raba ghal-skop ta' kostruzzjoni fuqu;

Illi l-oggezzjoni tal-intimat tippernja fuq dak li jipprovi l-istess artikolu un cioe' li l-Bord ma jistghax jilqa talba simili meta r-raba huwa saqwi. Ghal dan l-iskop, l-Bord kien assistit mill-membri teknici tieghu li fir-rirapport taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza, ikkonkludew illi l-bir li hemm fl-ghalqa de quo ma jipprovdix hazna ta' ilma sufficjenti sabiex dan ir-raba' jikkwalifika bhala saqwi;

Illi inoltre, kif ripetutament ritenut mill-Qrati taghna, u ghalkemm ma espressament rikjest mid-dicitura tal-artikolu 4(2) (b) tal-Kap 199, r-rikorrenti huma muniti bil-permess tal-bini validu fuq l-art de quo (Permess Numru: PA 00707/05 validu ghall-hames snin minn Settembru 2005). Dan il-permess inhareg favur Angelo Buhagiar, huwa Full Development Permit ghal kostruzzjoni ta' residenza u garage fuq is-sit fi Triq Sant Antnin, Mosta.

Illi ghalhekk jikkonkorru iz-zewg elementi rikjesti sia mil-ligi kif ukoll mill-gurisprudenza u cioe li r-raba li dwar intalbet ir-ripresa mhux wiehed saqwi kif ukoll illi hemm Full Development Permit vigenti dwar l-istess sit;

Ghal dawn il-mottivi il-Bord qed jilqa' t-talba ghar-ripresa tar-raba kif deskritt fir-rikors promutur u dan fi zmien xahar mil-lum sa liema data l-intimat ghandu jizgombra l-istess art.

Dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens, ikun rilevat illi skond R1 u R2, dan ir-raba jidher abbandunat u mimli haziz hazin. Minekjja li l-membri teknici tal-bord ikkonstataw li hemm xi prodott mizrugh dan il-Bord ma jistax jiehu konjizzjoni ta' fatt li sehh wara li jkun prezentat ir-rikors u dan skond l-insenjament tal-Qrati taghna.

Bl-ispejjez kontra l-intimati

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------